MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta tas-27 ta' Settembru, 2013

Talba Numru. 273/2013

**Alfred Falzon Sant Manduca ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta Albert F.S. Manduca Limited [C-247]**

**Vs**

**Wayne Chetcuti [ID: 65905M] taht l-ismijiet kummercjali Mink Lounge, Mozzarella's Sliema u Mozzarella's Bay Street**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fit-3 ta' Mejju, 2013** u li permezz taghha talbet lill-intimat jhallasha s-somma ta' elf tlett mija tmienja u tmenin euro u erbgha u tmenin ċenteżmi ta' euro [€1,388.84c] u dan wara li ppremettiet hekk:

"Is-socjeta attriċi titlob lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas is-socjeta attriċi s-

somma komplessiva ta' elf tliet mija tmienja u tmenin euro u tmenin euro ċenteżmi (€1,388.84) rappreżentanti prezz ta' merkanzija (€809.10 ghax-xoghol konsenjat ghall-istabbiliment Mink, in kwantu €92.55 ghax xoghol konsenjat ghall-istabiliment Mozzarella's Sliema u in kwantu €487.19 ghax-xoghol konsenjat ghall-istabiliment Mozzarella's Bay Street) lilek mibjugha u kkonsenjata iżda mhux imhallsa hekk kif jirrizulta mis-statements annessi u mmarkati bhala Dok. A, Dok. B u Dok. C

Bl-ispejjez, inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-17 ta' Jannar 2013 u bl-imghaxijiet legali mis-17 ta' Jannar 2013 sal-gurnata tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li hu minn issa stess ngunt ghas-subizzjoni".

Ra **r-risposta tal-intimat** minnu mressqa fis-6 ta' Gunju, 2013 u li permezz taghha huwa rrisponda hekk ghat-talba tas-socjeta rikorrenti:

"Is-socjeta esponenti umilment tecepixxi s-segwenti:-

1. Illi bla preġudizzju t-talba attriċi hija preskritta u ghal dan il-ghan, is-socjeta attriċi qieghda tiġi mistiedna tindika bl-ezatt taht liema artiklu tal-ligi qieghda tittenta l-azzjoni taghha sabiex l-eccipjenti ikunu mbaghad f'qaghda li jindikaw l-artikolu preċiż tal-preskrizzjoni.

2. Illi bla preġudizzju, t-talba attriċi fil-konfront tal-konvenut noe hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante illi l-ammont pretiz m'huwiex dovut.

3. Illi minn ezaminazzjoni tad-dokumenti annessi mat-talba u cioe Dok A, Dok B u Dok C, ma jirriżultax illi l-oggetti gew ikkonsenjati fl-istabbilimenti msemmija u dan ghaliex fuq id-dokumenti ma jirriżultax il-firma ta' min rċieva l-oggetti elenkati.

4. Ghaldaqstant it-talba attriċi hija ghal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tiġi michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta attrici".

Ra l-verbal datat 12 ta' Gunju, 2013 fejn il-kawza thalliet ghal 5 ta' Lulju, 2013 fin-12:30p.m. ghall-provi kollha tal-partijiet; Ra l-verbal tal-5 ta' Lulju, 2013 fejn it-Talba thalliet ghas-27 ta' Settembru, 2013 ghall-istess skop tal-verbal preċedenti;

Ra li fis-seduta tal-lum deher biss Joseph Aquilina in rappreżentanza tas-socjeta rikorrenti u l-intimat u d-difensur tieghu msejjhin diversi drabi baqghu ma dehrux.

Ra li Dr. Mark Hyzler ghas-socjeta rikorrenti iddikjara li ma kellhux aktar provi xi jressaq u t-Tribunal, in vista tal-fatt li s-seduta tal-lum kienet ghal provi kollha tal-partijiet ddikjara l-provi tal-intimat maghluqa.

Semgha' x-xhieda ta' Joseph Aquilina, *sales manager* mas-socjerta rikorrenti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas, minghand l-intimat tas-somma komplessiva ta' €1,388.84c rappresentanti din is-somma merkanzija konsenjata lil diversi stabbilimenti proprjetà ta' l-intimat. Dan l-ammont huwa maqsum hekk:

i. €809.10 – merkanzija konsenjata lill-istabbiliment bl-isem ta' Mink – ara Dok. A;
ii. €92.55 – merkanzija konsenjata lill-istabbiliment bl-isem ta' Mozzarella's Sliema – ara Dok. B;
iii. €487.19 – merkanzija konsenjata lill-istabbiliment bl-isem ta' Mozzarella's Bay Street – ara Dok. C;

L-intimat iddefenda lilu nnifsu ghat-talba tas-socjeta rikorrenti billi qal li t-talba odjerna hija preskritta u stieden lis-socjeta rikorrenti sabiex tindika bl-ezatt taht liema

artiklu tal-ligi qieghda tittenta l-azzjoni taghha sabiex huwa mbaghad ikun f'qaghda li jindika l-artikolu preċiż tal-preskrizzjoni. Qal ukoll li t-talba hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-ammont pretiz m'huwiex dovut u li minn ezaminazzjoni tad-dokumenti annessi mat-talba u cioe Dok A, Dok B u Dok C, ma jirriżultax illi l-oggetti gew ikkonsenjati fl-istabbilimenti msemmija u dan ghaliex fuq id-dokumenti ma jirriżultax il-firma ta' min rċieva l-oggetti elenkati. Ghalhekk qal li t-Talba tas-socjeta rikorrenti ghandha tiġi michuda.

Ikkunsidra;

2. Ix-xhud Joseph Aquilina qal li huwa kien ikkomunika diversi drabi mal-intimat li da parti tieghu qatt ma qallu li huwa ma kellhux jaghti dan l-ammont lis-socjeta rikorrenti. Di piu, l-istess xhud ighid li d-dokumentazzjoni esebita mat-talba odjerna tirrapreżenta l-i*statements* tax-xoghol kkonsenjat lill-intimat. Il-fatturi dejjem gew iffirmati mill-intimat jew il-haddiema tieghu. Qal ukoll li l-ammont ghadu dovut.

3. L-intimat baqa qatt ma deher f'dawn il-proceduri u minkejja li huwa qajjem diversi eċċezzjonijiet qatt ma deher biex issostniehom. Ghar-rigward ta' l-ewwel eċċezzjoni tieghu u cioe li s-socjeta rikorrenti kellha tindika taht liema artikolu tal-ligi kienet qeghda issejjes it-talba taghha, jidher car li hi kienet qeghda tressaq il-pretensjoni taghha a bażi ta' fatturi li jirriżultaw mill-istatements esebiti u li l-intimat minkejja li huwa rċieva l-merkanzija da parti taghha baqa qatt ma hallas. Ghalhekk hija azzjoni ta' kreditu li s-socjeta rikorrenti qeghda tivanta u tressaq kontra l-intimat u ma hemm xejn sigriet jew misterjuż dwar it-talba odjerna u ghalhekk l-intimat seta' faċilment jikkonkludi x'tip ta' azzjoni kienet qeghda tiġi ezercitata mis-socjeta rikorrenti kontrih.

4. L-intimat qal ukoll li mid-dokumenti esebiti ma jirriżultax illi l-oggetti gew ikkonsenjati fl-istabbilimenti msemmija u dan ghaliex fuq id-dokumenti ma jirriżultax il-firma ta' min rċieva l-oggetti elenkati. Bid-dovut rispett, id-

dokumenti esebiti huma *statements* li jindikaw il-fatturi li kienu nhargu tul iz-zminijiet ghall-merkanzija ikkonsenjata fil-hwienet u stabbilimenti ta' l-intimat. Dawn il-fatturi, skond ma xehed is-*sales manager* tas-socjeta rikorrenti, Joseph Aquilina, kienu ntbaghtu lill-intimat diversi drabi iżda huwa baqa qatt ma hallas. Di piu, fuq l-i*statements* ma jkunx hemm firem iżda dawn ikunu fuq il-fatturi. Issa ghalkemm f'dan il-kaz ma ġewx esebiti l-imsemmija fatturi, t-Tribunal ma ghandux ghalfejn jiddubita mix-xhieda ta' Joseph Aquilina anke ghaliex, l-intimat baqa qatt ma deher sabiex jirribatti x-xhieda tieghu.

5. Illi ghalhekk, in vista tal-provi ppreżentati quddiemu, it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ammonti mitluba mis-socjeta rikorrenti huma dovuti.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet kollha mqanqla mill-intimat fir-risposta tieghu in kwantu dawn huma inkompatibbli ma dak hawn fuq deċiż, qieghed jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti u jikkundanna lill-intimat jhallasha s-somma ta' elf tlett mija tmienja u tmenin euro u erbgha u tmenin ċenteżmu ta' euro [€1,388.84c] bl-imghaxijiet legali mid-data ta' meta dawn l-ammonti kienu dovuti.

L-ispejjez huma kollha a kariku ta' l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------